# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2417

**Kaz Numru 3235/CC** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Joseph Mifsud**
**u**
**Pater Holding Co. Ltd. (C3334), u**
**U.C.I.M. Co. Limited (C34235)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 18 ta' Novembru, 2015**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Joseph Mifsud fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar t-8 t' April, 2014, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu li skond is-Socjeta' ntimata kienet a bazi ta' *redundancy* , ma saritx ghal ragunijiet validi skond il-ligi, stante li b'effett tal-ligi ma kellux jigi ssensjat. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret a bazi ta' *redundancy*.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm disa' (9) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Joseph Mifsud li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta’ Dr. Aron Mifsud Bonnici.

Pater Holding Co Ltd., u U.C.I.M. Co Ltd., li minn issa l-quddiem ser jissejjhu s-Socjetajiet Intimati kienu rraprezentati minn Francesca Grech assistita minn Dr. Frank B. Testa.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mall-Pater Holding Co. Ltd. fis-26 t’Ottubru, 2011, bhala *Parts Salesman*, fejn kien jirraporta ghax-xoghol gewwa l-XL Shop, stabbiliment li nholoq sabiex minnu principalment jinbieghu ‘*non-original spare parts’* tal-karozzi.

Fit-28 ta’ Marzu, 2014, huwa safa ‘*redundant*’ minn ma’ Pater Holding Co Ltd., wara li kienet ittiehdet decizjoni li l-XL Shop jinghalaq.

Mid-dokumentazzjoni li inbghatu lill-ETC hemm indikat li l-Appellant kellu zewg ‘*engagement forms’* li jindikaw li huwa kien impjegat mall-Pater Holding Co. Ltd u anke mal-U.C.I.M. u li jgibu l-istess data ta’ bidu ta’ mpjieg u cjoe 26 t’Ottubru, 2011. Dan gie skopert wara li l-Appellant stess ingibditlu l-attenzjoni mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali fir-rigward tac-*Children’s Allowance.*

Xi zmien wara, l-ETC irceviet ‘*termination form*’ minghand il-U.C.I.M. li kienet tindika t-tmiem tal-impjieg tal-Appellant minn maghha bl-istess data li huwa gie ngaggat maghha.

Il-U.C.I.M. tghid li d-dokumentazzjoni li kienet intbaghtet lill-ETC u li kienet tindika li l-Appellant kien gie ngaggat maghha kienet giet iggenerata bi zball.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Vincent Sladden** xehed li huwa l-*General Manager* tal-*Automotive Dept.,* tal-Pater Group, fejn ir-Rizorsi Umani jaqghu fir-responsabbilita’ tieghu. Qal li l-Appellant kien gie mpjegat mall-Pater nhar it-23 ta’ Settembru, 2011, u spicca *redundant* fit-28 ta’ Marzu, 2014.
Qal li l-*job designation* tal-Appellant fil-kuntratt tax-xoghol kienet ta’ *Sales Person*. Huwa qal li l-ingagg tal-Appellant kien sar wara li l-hanut XL kien

diga’ qed jopera u li l-ingagg kien sar bil-ghan li jizdied il-bejgh ta’ *non-original parts*.

Spjega li bhala responsabilitajiet kif jidhru fil-*job description* l-Appellant kellu jkun *sales person* fil-hanut XL u anke bhala *sales person* fuq barra. Ix-xhud kompla li kemm Pater u anke U.C.I.M. wara li mpjegaw lill-Appellant bhala *sales person* qatt ma mpjegaw lil xi haddiehor bl-istess doveri. Fir-rigward ta’ certu Alan Friggieri, x-xhud qal li dan gie ngaggat bhala *Storeman*. Qal li konsegwenza li l-bejgh kompla jkun batut minn dan il-hanut, ittiehdet id-decizjoni li dan jinghalaq u b’rizultat ta’ hekk l-Appellant safa *redundant*. Qal ukoll li l-Appellant kien l-ahhar *sales person* li kien gie ngaggat mall-grupp kollu. Dan ghaliex skond ix-xhud il-funzjoni tieghu fil-kumpanija ma’ ghadiex tezisti. Ix-xhud spjega d-differenza fid-doveri ta’ dawk li jahdmu fil-hanut ta’ Valley Road meta mqabbla ma’ dawk ta’ l-Appellant u qal li l-grad taghhom kien ta’ *Storeman.* Meta mistoqsi jistax jghid jekk l-attivita li kien jaghmel l-Appellant kienetx qed issir minn Alan Seisun u Massimo Bartolo, x-xhud wiegeb li dwar x’jaghmlu dawn il-persuni u ma’ min huma mpjegati  jwiegeb f’seduta ohra meta jigbor l-informazzjoni.

Ix-xhud qal li l-bejgh li kien isir mill-XL Shop ta’ *non-original parts* ghadu jsir pero’ l-ammont huwa kwazi negligibbli.

Ix-xhud ipprezenta dokumenti li kienu jindikaw li s-salarju tal-Appellant kien jithallas minn Pater Holdings. Dokument minnhom kien jindika ukoll li anke ma’ l-*Inland Revenue Dept*, l-*employer* tal-Appellant kien Pater Holdings.

**Francesca Grech** xehdet li hija l-*Managing Director* tas-Socjeta’ ntimata. Spjegat li snin ilu s-Socjeta’ kienet iddeciediet li tiftah hanut fil-Hamrun bl-isem XL sabiex minnu jinbieghu *non-original spare-parts* tal-karozzi, zjut u *franchises* ohra. Kompliet li ricentament il-bejgh minn dan il-hanut naqas hafna, il-hanut  ma baqax vijabbli mil-lat kummercjali u gie deciz li dan jinghalaq.  Ix-xhud qalet li f’dan il-hanut kien hemm zewg impjegati.

Spjegat li s-Socjeta’ ghandha zewg postijiet minn fejn jinbieghu *spare-parts*. Wiehed gewwa Valley Road minn fejn jinbieghu *original parts* u fejn hemm jahdmu *Supervisors u store keepers*.

Ix-xhud kompliet li l-hanut l-iehor bl-isem XL infetah propju sabiex minnu jkunu jistghu jinbieghu *parts* mhux originali.

Spjegat li x-xoghol tal-Appellant kien li jaqdi l-klijenti mill-XL u li jkunu jridu jixtru *non-originals* u jdur hwienet, *petrol stations* , tellara etc., sabiex jipprova jbiegh kemm *non-originals* u anke *originals.*

Ix-xhud stqarret li dawk li jahdmu fil-hanut ta' Valley Road ma jaghmlux bejgh fuq barra u jbieghu biss *original parts*.
Ix-xhud qalet li fil-hanut XL apparti l-Appellant kien hemm impjegat iehor, li kien fil-grad ta' *Supervisor*. Qalet li dan kien ilu jahdem mas-Socjeta' 25 sena u kien gie trasferit f'dan il-lok appena kien infetah. Qalet li wara l-gheluq tal-XL dan is-*Supervisor* intbghat lura fil-hanut ta' Valley Road.
Ix-xhud spjegat li l-formolarju konness mall-impjiegi jsir minn *Clerk* fl-*Accounts Department*. Qalet li bi zball amministrattiv fil-waqt li giet mimlija l-*engagement form* tal-ETC li kienet tindika li fl-26 ta' Settembru, 2011, l-Appellant kien gie ngaggat mall-Pater Holding, kienet giet mimlija *engagement form* ohra tal-ETC li kienet tindika li l-Appellant kien gie ngaggat fl-istess data mall-U.C.I.M.
Ix-xhud stqarret li appena saru jafu b'dan l-izball u cjoe f'Settembru 2013, intbaghtet *'termination form'* lil ETC li kienet tindika li l-Appellant kellu l-impieg tieghu mall-U.C.I.M. mitmum fl-istess data li kien gie ngaggat u cjoe 26 ta' Settembru, 2011. Qalet ukoll li l-kuntratt tax-xoghol tal-Appellant jindika li huwa kien impjegat mall-Pater Holding Ltd., bhala *Parts Salesman*.

**Joseph Saliba** bhala rapprezentant tal-ETC beda billi pprezenta listi ufficcjali li kienu jindikaw l-ismijiet u l-gradi li kienu jokkupaw l-impjegati. Dawn il-listi kienu jappartjenu ghall-kumpaniji Pater Holding Company Ltd., u U.C.I.M. Company Ltd. Spjega li dawn kienu jkopru minn Awwissu 2011 sal-lum.
Ix-xhud spjega li l-isem ta' Joseph Mifsud jidher fuq il-lista tal-Pater u tindika li dan kien gie ngaggat maghha nhar is-26 ta' Settembru, 2011, bhala u gie *redundant* fil-31 ta' Marzu, 2014. Spjega ukoll li l-isem ta' l-istess persuna jidher ukoll fil-lista tal-U.C.I.M. fejn hemm indikat li huwa gie ngagat u terminat fl-istess gurnata u cjoe 26 ta' Settembru, 2011, bir-raguni ndikata tkun '*end of definite contract'*.

**Carmel Galea** xehed li huwa ilu jahdem mall-U.C.I.M. ghal dawn l-ahhar 27 sena u jokkupa l-kariga ta' *Group Parts Manager*. Spjega li l-iskop li kien infetah l-XL Autoparts principarjament kien li jinbieghu *parts* mhux originali. Ix-xhud spjega li l-bejgh minn dan il-post naqas drastikament tant li jekk jiehu l-2010 meta nfetah bhala 100%, fl-2013 il-bejgh nizel ghal 16%.
Spjega li meta jkun hemm klijent li jordna kemm *parts non-originals* u anke ohrajn originali, d-distribuzzjoni ssir mill-XL. Ix-xhud wara ta' l-ismijiet tal-persuni li jahdmu mill-*Main Office* gewwa *Valley Road.*

Ix-xhud qal li fost dawn il-persuni kien hemm Mario Agius li ghandu l-grad ta' *Supervisor*, li kien issekondat jahdem fl-XL Shop, fejn meta gie deciz li dan il-hanut jinghalaq huwa rritorna lura.
Ix-xhud qal li huwa kien ta' l-parir li l-operazzjoni *XL Shop* taghlaq ghaliex ma kinitx aktar vijabbli. Ix-xhud qal li ma kienx fir-*remit* tieghu li jiddeciedi dwar il-futur tal-impjieg tal-Appellant galadarba l-*XL Shop* jinghalaq. Ix-xhud filwaqt li stqarr li huwa ma jafx li gie mpjegat xi hadd bhala *Salesman* fil-grupp, qal li x-xoghol li kien jaghmel l-Appellant u cjoe' li jbiegh fuq barra *non-original parts* ma ghadux isir.

**Joseph Mifsud** l-Appellant, xehed li huwa kien gie mghajjat sabiex jaghmel *interview* fuq xoghol tal-FIAT, fejn kien gie maghzul biex jibda jahdem bhala *Sales Person*. Huwa spjega li semma l-FIAT ghaliex tal-U.C.I.M. u l-Meridian maghrufin fit-triq bhala tal-FIAT. Qal li l-ewwel kien kellem lil Carmel Galea u wara xi gimgha u nofs baghtuh ikellem lis-Sur Sladden. Qal li huwa kien beda jahdem gewwa l-APA Centre f'Valley Road fejn beda jaghmel xoghol fl-*istores* u dan bhala *Storekeeper*. Ix-xhud qal li fil-kuntratt kellu li kien ser jahdem fl-XL Autoparts izda beda xoghol f'Valley Road bhala *Storeman*. Huwa qal ukoll li l-kuntratt kienu qrawulu qabel iffirmah.
Ix-xhud kompla li wara 5 xhur, intbghat jahdem fl-XL Shop fejn kien ha post Paul Bonavia li xoghlu kien li jdur il-hwienet. Kompla li dan Bonavia tnizzel fl-APA Stores.
Ix-xhud kompla li wara xi zmien kellu problema fir-rigward ta' *childrens' allowance* peress li mall-ETC kien qed jidher li kien qed jahdem ma' zewg kumpaniji u cjoe mal-U.C.I.M. u mall-Pater Holdings. Ix-xhud qal li xi zmien wara din kienet giet irrangata u beda jidher jahdem ma' Pater Holdings bhala *storeman*. Ix-xhud qal li f'Ottubru 2012 u Settembru 2013 huwa kien baghat *Emails* lil Carm Galea fejn talbu sabiex jintbaghat jahdem gewwa l-APA Centre, pero' qatt ma rcieva risposta. Dan ghamlu ghaliex kien sema' li l-XL Shop kien ser jinghalaq. Ix-xhud qal li huwa kien kiteb ghaliex meta kien gie ngaggat, is-Sur Sladden kien qallu li hemmhekk kien parti mill-FIAT u li hu kien gie mpjegat biex jibqa'. Huwa qal li meta ffirma l-kuntratt huwa kien fehem li xoghlu hu mall-U.C.I.M., mall-FIAT.
Ix-xhud wara ghamel referenza ghal ittra li l-kumpanija kienet bghatet lill-klijenti fejn kienet infurmathom li l-XL Shop kien inghalaq u li jistghu jinqdew minn Massimo Bartolo.
Ix-xhud qal li Alan Friggieri li kien gie ngaggat warajh, jaghmel xoghol fl-*istores* bhal ma kien jaghmel huwa meta kien gie ngaggat bhala *storeman* ma' Pater Holdings. Ix-xhud sostna li anke meta intbaghat jahdem gewwa l-XL Shop huwa kien jaghmel xoghol kemm gewwa u anke fuq barra.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Aron Mifsud Bonnici** ghan-nom tal-Appellant beda t-trattazzjoni tieghu billi qal li ghalkemm l-Appellant kien impjegat, ghalih innifsu ma kienx ovvju ma' min kien. L-Avukat spjega li dan fl-isfond li l-kuntratt tal-impjieg li kellu l-Appellant kien jindika mod u mir-*records* tal-ETC jindikaw li huwa kien impjegat ma' zewg socjetajiet fejn mall-Pater kien registrat bhala *Sales Person* u mall-U.C.I.M. kien jidher bhala *Storeman*, anke jekk wara din il-posizzjoni giet indirizzata.
Dr. Mifsud Bonnici spjega li l-mod fluwidu li l-grupp tal-kumpaniji tal-Pater kienu joperaw ir-rizors uman ukoll ma kienx jaghmilha ovvja ghall-Appellant ma' min kien impjegat.
Dr. Mifsud Bonnici wara ghadda sabiex jittratta r-raguni tat-tmiem tal-impjieg tal-Appellant fejn sahaq li x-xoghol li kien jaghmel l-Appellant mhux spicca izda naqas tant li dan ghadu jsir minn entita ohra. F'dan il-kuntest Dr. Mifsud Bonnici ghamel accenn li allura dan jimplika trasferiment ta' negozju fejn allura hemm implikazzjonijiet legali. Dr. Mifsud Bonnici sostna li f'dan ix-xenarju l-kumpanija li issa qed taghmel xoghol li qabel isir mill-Appellant kellha timpjegah u wara jekk jirrizulta li kien hemm xi mpjegat zejjed, jigi ssensjat min kellu l-inqas *seniority*.
Dr. Mifsud Bonnici wara rrefera ghall-kuntratt tax-xoghol tal-Appellant fejn qal li filwaqt li dan kien jobbligah ikun flessibbli li jkun jista' jigi wzat ma' kumpaniji ohra tal-grupp u anke jaghmel xoghol kompatibbli mad-doveri tieghu, l-istess flessibilta ma thaddmitx bil-kuntrarju fejn jekk allura naqas ix-xoghol mill-XL Shop ghaliex l-Appellant ma giex trasferit ghal ma' xi kumpanija ohra mill-grupp.
Dr. Mifsud Bonnici qal li d-decizjoni li l-Appellant jintemmlu l-impjieg tieghu ttiehdet b'mod sommarju u semplici fejn gie njorat il-fatt li huwa kien jaghmel xoghol ghall-grupp kollu u fejn allura setghet tigi evitata s-sensja billi jibqa' mpjegat f'dak li baqa' mill-grupp.

**Dr. Frank B. Testa** ghan-nom tas-Socjetajiet intimati beda biex qal li minkejja li l-parti l-ohra qed taghti stampa li l-istatus tal-impjieg tal-Appellant kien wiehed konfuz, dan ma kienx il-kaz.
Dr. Testa ddikjara li anke kieku kellu ghas-sahha tal-argument kellu jigi accettat li s-sensja kellha tinghata akkont tal-grupp kollu, l-Appellant kien l-ahhar wiehed li kien gie mpjegat. Dr. Testa qal dan sabiex ikun assigurat li l-XL Shop ma giex maghluq sabiex jitkecca l-Appellant ghalie ghall-

kumpanija ahjar li kieku x-xoghol baqa' sejjer tajjeb fejn allura mhux jitkecca l-Appellant kien izda jkunu mpjegati persuni ohra.
Dr. Testa wara ghadda sabiex jispjega l-kuncett ghalfejn kien inholoq l-XL Shop fil-kuntest ta' kif isir in-negozju fi hdan il-grupp. Huwa sahaq li dak li kien isir minn dan il-hanut m'ghadux isir minn imkien.
Dr. Testa ghalaq billi sostna li l-ingagg propju tal-Appellant kien sabiex huwa jiffunzjona bhala *Salesman* fl-XL Shop, attivita li nholqot sabiex principalment minnha jigu mibjugha '*non original parts'*, u malli din l-attivita ma baqghetx vijabbli, nghalaq l-XL Shop u konsegwenza ta' hekk l-Appellant safa ssensjat.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kienetx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Argument ewlieni uzat mill-Appellant kien, li ghalih ma kienx ovvju ma' min kien impjegat. Jghid li filwaqt li l-kuntratt tax-xoghol kien juri li huwa kien impjegat mall-Pater, mall-ETC kellu zewg *engagement forms*, wahda mall-Pater u l-ohra mall-U.C.I.M. Fix-xhieda tieghu l-Appellant qal li '….meta ffirmajt il-kuntratt fhimt li xogholi huwa mall-U.C.I.M. mall-Fiat Group.' u
'…..jiena kont imwieghed meta bdejt maghhom illi hemmhekk ghandi post dewwiemi…'.

Fix-xhieda tal-Appellant stess (7/1/15) dan jghid li qabel iffirma l-kuntratt tax-xoghol kienu qrawulu *e-mail* li ghaddiet bejn l-Appellant u Franco Gove' f'Settembru 2013 tindika li huwa kien mgharraf li l-impjieg tieghu kien mall-Pater u mhux mall-U.C.I.M. Din l-*e-mail* kienet ghaddiet waqt li kienet qed tigi ttrattata s-sitwazzjoni taz-zewg *engagement forms* mall-ETC. L-Appellant stess f'*e-mail* li huwa baghat lil Galea Carmel nhar is-16 t' Ottubru, 2012, u lil Vincent Sladden fi-23 ta' Settembru, 2013, kien talab sabiex ikun trasferit lil APA. It-Tribunal ma giex konvint li l-Appellant ma kienx jaf ma' min kien impjegat.

Dwar l-argument imqajjem min-naha tal-Appellant waqt it-trattazzjoni finali, li dan il-kaz jinkwadra '*transfer of business'*, it-Tribunal filwaqt li jaghraf li dan l-argument qatt ma gie sollevat fi stadju tal-provi u allura qatt ma zviluppat il-fakulta li jkun dibattut, xorta wahda jiddikjara li minn dak li

hareg mix-xhieda, l-attivita kummercjali propja li ghalija kien mahluq il-post tax-xoghol fejn kien jahdem l-Appellant ma baqghetx issir  wara li huwa gie ssensjat.

Minn dak li gie sponut waqt dan il-process, it-Tribunal ma jirrizultalux li kien hemm xi pjan  appositament mahsub sabiex l-Appellant jitnehha mix-xoghol, ma jirrizultalux li fil-grad tieghu kien hemm xi hadd b'anqas *seniority* minnu li baqa' fl-impjieg mall-kumpanija li maghha kien impjegat wara li gie ssensjat hu. U di piu' l-anqas ma jirrizulta li wara t-tluq tieghu kienet giet impjegata xi persuna ohra sabiex taghmel ix-xoghol fil-grad li kien jokkupa hu.

It-Tribunal  jikkonoxxi li  process ta' sensji f'cirkostanzi simili umanament iwegga' konsiderevolment u jikkreja simpatija ma' min igarrab *'redundancy'.* Sfortunatament l-Appellant jidher li fehem li meta huwa kien gie mpjegat f'dan il-post seta' jserrah rasu li ghandu mpjieg ghal-ghomru u ghalhekk zviluppat certa deluzjoni. Izda fir-realta' lavorattiva tal-lum min jista' jkollu dan is-serhan tal-mohh.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, dan it-Tribunal jiddikjara li l-licenzjament tal-Appellant Joseph Mifsud kien ghal ragunijiet ta' *redundancy,*  u  jiddikjara li t-terminazzjoni  tal-impieg kienet wahda gustifikata.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**